

Brussell, 24 ta' April 2026  
(OR. en)

8437/26

COH 68  
CADREFIN 175  
POLGEN 100  
ECOFIN 516  
ENV 401  
TRANS 243  
PECHE 137  
JAI 482  
ENER 198  
MI 383  
MAR 61  
COMPET 473  
SAN 243  
SUSTDEV 32  
RECH 187

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku  
- *Approvazzjoni*

---

1. Fl-ittra tiegħu tal-20 ta' Marzu 2026, il-President tal-Grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku talab lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-UE tniedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUBSR)<sup>1</sup>.
2. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tan-Norveġja fl-EUBSR ġie eżaminat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tal-

---

<sup>1</sup> WK 5257/2026.

21 ta' April 2026<sup>2</sup>. Id-delegazzjonijiet qablu mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ma' dan in-nota.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

---

---

<sup>2</sup> WK 5258/2026.

**Abbozz**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009<sup>1</sup>, li adotta l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill<sup>2</sup> dwar is-suġġett abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009<sup>3</sup>;
2. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-kunsens milħuq permezz ta' proċedura ta' silenzju fit-28 ta' Novembru 2025 mir-rappreżentanti tad-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja fir-rigward tal-applikazzjoni għal sħubija sħiħa mressqa min-Norveġja;
3. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-ittra tal-20 ta' Marzu 2026 mill-President tal-Grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali tal-Istrateġija tal-UE lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-UE li titlobha tnedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku;
  - A. JILQA' u JAĊĊETTA t-talba mressqa mill-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex in-Norveġja tiġi inkluża fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku;
  - B. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex tinkludi lin-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u biex tippreżenta Strateġija emendata kif meħtieġ lill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> 15265/1/09 REV 1.

<sup>2</sup> 15018/09.

<sup>3</sup> 11308/09.